MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 516/2014

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija tnejn u tmenin (04/06/1982) gewwa il-Knisja ta’ San Frangisk, il-Hamrun ;

Illi l-esponenti sseparat legalment minn ma zewgha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Castaldi Paris datat sbatax ta’ Novembru tas-sena elfejn u sitta (17/11/2006) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’ ;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) itfal u cioe’ Q, M u S li illum huma lkoll maggorenni ;

Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikkonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali surreferit u issa ghaddew iktar minn erba’ (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali ;

Illi dwar il-manteniment l-intimat C B ma ghandu l-ebda manteniment x’jhallas stante li t-tlett (3) itfal illum huma lkoll maggorenni u skont l-Artikolu 2 ta’ l-istess kuntratt ta’ separazzjoni ma hemm l-ebda manteniment li l-intimat C B huwa obbligat li jhallas lill-esponenti stante illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbet in vista tas-suespost li l-intimat jghid ghaliex din l-Qorti, m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar l-4 ta' Gunju tas-sena 1982 gewwa l-Knisja ta' San Frangisk, Il-Hamrun. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Castaldi Paris datat 17 ta' Novembru tas-sena 2006 u ghalhekk ghaddew iktar minn erbgha (4) snin mid-data tas-separazzjoni;
2. Illi l-esponenti jikkonferma illi t-tlett (3) itfal taghhom huma lkoll maggorrenni u ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;
3. Illi l-esponenti jikkonferma illi ma hemmx prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghalhekk <u>qed jaqbel mat-talbiet tal-attrici</u> u dan sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet salv ghall-kap tal-ispejjez li ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Semghet lir-rikorrenti titlob sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Micallef u rat illi l-intimat ma opponix ghal din it-talba;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet illi ilhom aktar minn erba' snin separati legalment u dana peress illi is-separazzjoni taghhom sehhet fis-17 ta' Novembru 2006;

Illi il-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, filwaqt illi il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita Micallef, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------